



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Mejju 2020
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0006(COD)

8386/20
ADD 1

FSTR 72
REGIO 104
FC 42
CADREFIN 100
SOC 342
ENER 158
ENV 286
CLIMA 103
CODEC 424

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Mejju 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 460 final
Suġġett:	ANNESS tal- Proposta emendata għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 460 final.

Mehmuż: COM(2020) 460 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.5.2020
COM(2020) 460 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta emendata għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta

ANNESS

“ANNESS I

IL-METODU TA' ALLOKAZZJONI GĦAR-RIŻORSI TAL-FOND GĦAL TRANŻIZZJONI ĠUSTA

Għal kull Stat Membru, lil-pakkett finanzjarju huwa determinat f'konformità mal-passi li ġejjin:

- (a) Is-sehem ta' kull Stat Membru huwa kkalkulat b'ħala s-somma ponderata tal-ishma determinati fuq il-bażi tal-kriterji li ġejjin, ponderati kif indikat:
 - (i) l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra tal-faċilitajiet industrijali fir-reġjuni ta' livell 2 tan-NUTS fejn l-intensità tal-karbonju, kif definita mill-proporzjon tal-emissjonijiet ta; gassijiet b'effett ta' serra tal-faċilitajiet industrijali kif rappurtat mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ meta mqabbla mal-valur miżjud gross tal-industrija, teċċedi b'fattur ta' tnejn, il-medja tal-UE-27. Jekk dan il-livell ma jeċċedix fl-ebda reġjun ta' livell 2 tan-NUTS fi Stat Membru jkun liema jkun, jittieħdu in konsiderazzjoni l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra ta' faċilitajiet industrijali fir-reġjun ta' livell 2 tan-NUTS li jkollu l-ogħla intensità tal-karbonju (ponderazzjoni ta' 49 %),
 - (ii) l-impjiegi fil-minjieri tal-faħam u l-linjite (ponderazzjoni ta' 25 %),
 - (iii) l-impjiegi fl-industrija fir-reġjuni ta' livell 2 tan-NUTS ikkunsidrati għall-finijiet tal-punt (i) (ponderazzjoni ta' 25 %),
 - (iv) il-produzzjoni tal-pit (ponderazzjoni ta' 0,95 %),
 - (v) il-produzzjoni tax-shale bituminuż (ponderazzjoni ta' 0,05 %);
 - (b) l-allokazzjonijiet li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-punt (a) ikunu aġġustati biex ikun assigurat li ebda Stat Membru ma jirċievi ammont li jeċċedi it-EUR 8 biljun (fi prezzijiet tal-2018). L-ammonti li jeċċedu it-EUR 8 biljun għal kull Stat Membru jkunu ridistribwiti proporzjonalment lill-allokazzjonijiet tal-Istati Membri l-oħra kollha. L-ishma tal-Istati Membri jkunu rikalkulati skont dan;
 - (c) l-ishma tal-Istati Membri li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-punt (b) ikunu aġġustati b'mod negattiv jew b'mod pożittiv b'koeffiċjent ta' 1,5 darbiet tad-differenza li biha, l-ING *per capita* ta' dak l-Istat Membru, (imkejjejl f'paritajiet ta' kapaċità tal-akkwist) għall-perjodu 2015-2017 kif użat għall-politika ta' koeżjoni fil-kuntest tan-negozjati dwar il-QFP tal-2021-2027, jeċċedi jew jaqas 'l isfel mill-medja tal-ING *per capita* tal-UE ta' 27 Stat Membru (il-medja espressa b'ħala 100 %).
- Dan l-aġġustament ma japplikax għal Stati Membri li l-allokazzjoni għalihom ġiet limitata f'konformità mal-punt (b);
- (d) l-allokazzjonijiet li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-punt (c) ikunu aġġustati biex ikun assigurat li l-allokazzjoni finali mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta tirriżulta f'intensità

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar il-ħolqien ta' Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 91/689/KEE u 96/61/KE (ĠU L 33, 4.2.2006. p. 1).

ta' għajnuna *per capita* (imkejla fuq il-bażi tal-popolazzjoni kollha kemm hi tal-Istat Membru) ta' mill-inqas EUR 32 (fi prezzijiet tal-2018) tul il-perjodu kollu kemm hu.

L-ammonti biex tkun assicurata l-intensità minima tal-għajnuna jitnaqqsu proporzjonalment mill-allokazzjonijiet tal-Istati Membri l-oħra kollha, ħlief dawk li għalihom l-allokazzjoni ġiet limitata f'konformità mal-punt (b).

L-allokazzjoni tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta hija addizzjonali għall-allokazzjoni li tirriżulta mill-paragrafi minn 1 sa 16 tal-Anness XXII tal-[proposta l-ġdida tas-CPR] u mhijiex inkluża fil-bażi tal-allokazzjoni li għaliha huma applikati l-punti minn 10 sa 15 tal-Anness XXII tal-[proposta l-ġdida tas-CPR].”.